# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 17/2013**

**Carmelo Agius**

**Vs**

**Antoine Tanti**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni bin-numru 2219 deciza mit-Tribunal Industrijali fit-30 ta' April 2013, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*'Permezz ta' din id-Decizjoni qed jigi deciz il-punt jekk id-decizjoni moghtija minn dan l-istess Tribunal Industrijali kif diversament presjedut ghandhiex tigi annullata u revokata.*

*PRELIMINARI*

*Dan it-Tribunal kien diga' ta decizjoni parzjali fis-17 ta' Jannar 2012 li biha kienet giet michuda l-eccezzjoni preliminari tal-irritwalita` tal-procedura ta' ritrattazzjoni quddiem it-Tribunal Industrijali. Dan il-kaz jirrigwarda t-talba ta' Carmelo Agius biex jigi dikjarat li t-*

*tkeccija tieghu mill-impieg li sehhet fit-3 ta' Settembru 2009 kienet wahda ingusta. Meta infetah dan il-kaz, l-intimat Antoine Tanti qatt ma deher ghall-kaz u anqas dahhal risposta, sa ma l-kaz gie deciz kontra l-istess intimat fl-14 ta' Mejju 2010.*

*Fit-30 ta' Lulju 2010 Antoine Tanti dahhal rikors fl-atti tal-istess kaz li fih ippremetta li ftit jiem qabel kien sar jaf b'dik il-procedura li kien hemm fit-Tribunal Industrijali u li spiccat b'decizjoni finali fl-14 ta' Mejju 2010, u ppremetta wkoll li huwa la qatt gie notifikat u anqas kien jaf b'dak il-kaz.*

*Ghaldaqstant huwa talab biex bl-applikazzjoni tal-artikolu 811(b) u 812 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta d-decizjoni moghtija fl-14 ta' Mejju 2010 tithassar abazi ta' nuqqas ta' notifika, u li l-kaz jigi trattat mill-gdid.*

*Carmelo Agius irrisponda fis-27 ta' Settembru 2010, u apparti l-eccezzjoni preliminari gia' imsemmija, huwa eccepixxa wkoll li Antoine Tanti kien debitament notifikat bil-kaz skond il-ligi, u dan jirrizulta ukoll mill-fatt li l-istess Antoine Tanti, hekk kif appena sar jaf bis-sentenza, beda jaghmel tentattivi biex jittransigi l-istess sentenza billi jhallas ratealment u b'hekk b'ghemilu stess rratifika l-effetti tas-sentenza u ssokkomba ghall-istess.*

*Ghalhekk issa jehtieg li jigi stabbilit jekk jezistux l-estremitajiet komminati mill-ligi li jaghtu lok ghar-revoka tad-decizjoni originali u ghar-ritrattazzjoni.*

*IL-PROVI MIGJUBA*

*Ir-rikorrent Agius ipproduca lil Emanuel Cachia li fil-mument li gie deciz dan il-kaz bil-procedura originali kien senior inspector fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali. Jghid li Agius mar kemm-il darba ghandu biex jassistih jiehu l-flus minn ghand Tanti, u jghid li Tanti mar ikellmu darbtejn.*

*Dan ix-xhud xejn ma kien car dwar meta beda jigi jkellmu Agius, izda jidher li Agius kien kellmu xi ftit taz-zmien qabel ma inqata' l-kaz tat-Tribunal Industrijali diversament presjedut, igifieri ftit qabel l-14 ta' Mejju 2010. Tant kien hekk li f'xi okkazjonijiet qabel inghatat dik id-decizjoni Cachia kien iwissi lil Tanti li ahjar jaqbad u jhallas il-pagi, bonus u notice mhux imhallsa ghax inkellha kien ser ikollu jaffaccja t-Tribunal. Jghid ukoll li dakinhar tal-14 ta' Mejju 2010 dan ix-xhud cempel lil Tanti u staqsih ghalxiex ma kienx qed jikkoopera, u Tanti irrikonoxxa li ma attendiex ghas-seduta tat-Tribunal. Din hija dik il-parti tax-xhieda ta' Emanuel Cachia li hija relevanti ghall-istharrig tal-vertenza in materja. Cachia xhed ukoll dwar li Tanti anke pprometta li fi zmien sentejn ihallas kemm l- €4,500 ordnati mit-Tribunal kif ukoll l- €1,500 ta' pagi, bonuses u allowances mhux imhallsa, imma din ftit li xejn hija rilevanti ghaliex dan certament sehh WARA li inqata' l-kaz.*

*Xehed imbaghad Antoine Tanti li qal li huwa sar jaf li kien inqata' kaz mit-Tribunal Industrijali kontrih wara li inhareg sekwestru kontra tieghu, u gie mgharraf mill-bank. Jghid*

*li ghalkemm Cachia kien gia' kellmu qabel, dan kellmu biss dwar paga, notice-money, bonus u leave mhux mehud minn Agius, izda qatt ma kellmu dwar il-kaz tat-Tribunal. Insista li Cachia qatt ma kellmu dwar il-kaz fit-Tribunal qabel ma rcieva s-sekwestru. Jghid li l-ftehim ta' hlas ta' €6,000 b'rati ta' €250 fix-xahar sar wara li sar jaf bis-sekwestru u kellem lill-avukata tieghu. Jghid ukoll li bhala "Champ Pastizzerija" ghandhom outlets ohrajn, u fil-waqt li qabel ix-xoghol klerikali kien isir mid-dar issa ghandhom post iehor f'Tal-Handaq Hal Qormi.*

*Imbaghad sar konfront bejn is-sur Cachia u Antoine Tanti, u Cachia kkonferma li l-ewwel kellem lil Tanti bit-telefon u talbu jigi hdejh, imbaghad Tanti gie jkellmu personalment fis-27 ta' April 2010, skond in-notamenti li kellu.*

*Ghalkemm ma kellux miktub dwar xiex tkellmu, ftakar li talbu jgiblu rendikont ta' kemm kien ha leave Agius, u inkoraggih jasal fi ftehim ma' Agius. Qal li Tanti qallu li ma kienx izomm records tal-leave li jittiehed. Qal ukoll li fl-14 ta' Mejju 2010 cempel lil Tanti biex jerga' jinkoraggih jasal fi ftehim ghax issa anke kien hemm sentenza tat-Tribunal, u jghid li Tanti offra li jhallsu €1,000.*

*Tanti kkonferma li darba mar ikellem lil Cachia dwar dak li kien ghad fadallu jhallas lil Agius, imma cahad li tkellmu dwar il-kaz quddiem it-Tribunal. Huwa accetta li kien veru li huwa offra €1,000, imma dawn kellhom ikunu ghall-hlasijiet li kienu ghadhom dovuti, u mhux akkont tas-somma ta' kumpens ordnata mit-Tribunal. Cahad li fl-14 ta' Mejju 2010 Cachia kellmu dwar it-Tribunal, mentri Cachia jixhed li kellu nota li meta cempel lil Tanti qallu li kien nesa jmur ghall-kaz tat-Tribunal. Cachia ftakar li Tanti mar ikellmu darba ohra wara li inqata' l-kaz, u dan talbu biex "ma jaghfsuhx" ghax kellu problem finanzjarji, u fuq suggeriment tieghu (ta' Cachia) Tanti offra li jhallas it-total ta' €6,000 b'pagamenti ta' €250 fix-xahar ghal 24 xahar.*

*Carmelo Agius xehed li dakinhar li inqata' l-kaz kien mar ghand is-sur Cachia, u dan qallu biex igiblu d-decizjoni tat-Tribunal; wara xi jiem huwa rcieva ddecizjoni tat-Tribunal u mar biha ghand Cachia. Agius talab lil Cachia icempel lil Tanti dak il-hin stess, u Cachia hekk ghamel. Mid-diskors li sema seta' jikkonferma li Cachia kellem lil Tanti personalment u kellmu dwar il-kaz tat-Tribunal, mhux fuq il-'claims' l-ohra.*

*KONSIDERAZZJONIJIET*

*L-indagni li jrid jaghmel dan it-Tribunal ghandha twasslu biex jiddeciedi jekk Antoine Tanti rceviex notifika mit-Tribunal Industrijali tal-kaz li fetah Carmelo Agius. Sfortunatament, it-Tribunal m'ghandux procedura fissa ta' kif isiru nnotifiki tal-atti, u normalment l-atti jigu notifikati b'posta normali. Dan ifisser li ma jkunx hemm riferta li turi l-atti gewx notifikati jew le. Issa l-prezunzjoni hija li l-atti li ntbatu bil-posta f'indirizz tajjeb waslu fid-destinazzjoni taghhom.*

*L-atti ntbaghtu fil-hanut ta' Antoine Tanti, li rrizulta li jkun miftuh 24 siegha kuljum. Tanti jghidilna li gieli jircievi posta hemm, u l-lavranti tieghu jghaddulu l-posta go borza, izda jghidilna li jista' jkun ma ghaddewlux l-atti tat-Tribunal. Tanti jghid li l-ewwel darba li sar jaf bil-kaz tat-Tribunal kien wara li l-bank infurmawh b'sekwestru, u dan kien lejn l-ahhar ta' Lulju 2010. Jghid li malli sar jaf b'dan mar ikellem l-avukata tieghu, li kellha tiehu passi mill-ewwel.*

*Tanti jichad dak li jghid ir-rapprezentant tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali li lil Tanti kien kellmu dwar il-kaz tat-Tribunal meta kien ghadu ma giex deciz, u li rega' kellmu fuqu dakinhar tad-decizjoni meta Tanti qallu li nesa jmur. Huwa veru li skond Carmelo Agius, Cachia cempel lil Tanti xi jiem wara li inghatat id-decizjoni, imma dan it-Tribunal huwa konvint li d-diskursata li semma Cachia sehhet tassew ftit wara li inghatat is-sentenza, u cioe` li meta Cachia staqsa lil Tanti ghalfejn ma marx ghall-kaz tat-Tribunal, Tanti qallu li nesa.*

*Dan l-incident jikkonvinci lit-Tribunal li mhuwiex minnu dak li jghid Tanti li l-ewwel darba li sar jaf bil-kaz tat-Tribunal kien meta gie infurmat bis-sekwestru f'Lulju 2010. Di piu`, Tanti jghid li meta f'Lulju sar jaf bis-sekwestru u l-kaz, huwa mar ikellem lill-avukata tieghu mill-ewwel, u wara mar id-Dipartiment u accetta li jhallas dak li hu dovut lil Agius b'rati ta' €250 fix-xahar; jghid li huwa ma kellux f'mohhu l-€4,500 imma l-€1,500 biss, li kienu jirreferu ghal leave, notice-period, bonus u ammonti dovuti hekk. Din xejn mhi kredibbli, iktar u iktar meta kien diga' ikkonsulta avukat, u ghalhekk dan it-Tribunal huwa aktar propens jemmen il-verzjoni tas-sur Cachia li originarjament Tanti offra €1,000 a saldu, imma meta s-somma telghet ghal €6,000, Tanti accetta li jhallas dan l-ammont fuq medda ta' sentejn bil-€250 fix-xahar. Dan it-Tribunal mhux jaghti tant forza lil dik l-accettazzjoni ta' hlas da parti ta' Tanti, u ma jaqbilx mar-rikorrent li b'dan Tanti kien qed jirratifika d-decizjoni li inghatat kontrih, imma qed jiehu dan l-incident bhala prova ohra li Tanti kien ilu jaf bil-kaz.*

*Dan it-Tribunal mhuwiex konvint li s-sur Tanti ma rcieva xejn, ghax kieku kien iqajjem plejtu immedjatament; imqar billi jattendi ghall-ahhar seduta li kien fadal biex tal-inqas iqajjem l-oggezzjonijiet tieghu, imma nesa jmur! Din l-attitudni irresponsabbli ta' Tanti rrepetiet ruhha anke matul il-kaz, meta wara li m'attendiex seduta ghax allegatament kien ma jiflahx, it-Tribunal ordnalu jipprezenta certifikat mediku, fis-seduta ta' wara gie jghid lit-Tribunal li kellu c-certifikat imma nesa jgibu mieghu, u minkejja li gie ordnat jesebih fi zmien gimghatejn baqa' ma pprezentah qatt. Dan ukoll ikompli jikkonvinci lil dan it-Tribunal li Tanti ma jistax jittiehed bis-serjeta' u ghalhekk l-allegazzjoni tieghuli ma rceviex l-atti tal-kaz tat-Tribunal mhix titwemmen.*

*DECIZJONI*

*Ghaldaqstant dan it-Tribunal, wara li kkonsidra l-provi prodotti, qieghed jiddecidi dan il-kaz b'mod definittiv billi jichad t-talbiet ta' Antoine Tanti ghar-revoka tad-decizjoni tal-14 ta' Mejju 2010 ta' dan it-Tribunal u ghar-ritrattazzjoni u smiegh mill-gdid ta' dan il-kaz. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro (€93.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.'*

Illi minn din id-decizjoni ta' ritrattazzjoni appella Antoine Tanti bl-aggravju illi t-Tribunal għamel apprezzament ħażin ta' fatti u allura kellu jirrizultalu illi huwa qatt ma kien gie innotifikat bil-kawza intavolata kontra tieghu mill-ex-impjegat tieghu Carmelo Agius dwar it-tkeccija allegatament ingusta mill-post tax-xoghol. Dan bi ksur ta'l-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex l-att promotur li jigi imressaq quddiem it-Tribunal dejjem jigi innotifikat bil-posta registrata u mhux bil-posta ordinarja kif erronjament iddecieda it-Tribunal. Dan iffiser, fil-fehma tal-appellanti illi l-presunzjoni legali illi gjaldarba l-ittra giet impustata fl-indirizz tajjeb ifisser illi huwa kien gie regolarment notifikat ma issibx applikazzjoni il-ghaliex kellha tirrizulta il-prova tan-notifika bil-prezentata tal-hekk imsejha *pink card* li turi illi n-notifika tal-att promotur kien sar regolarment.

Illi l-appellat preliminarjament jissolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita ta'l-appell interpost mill-appellanti billi l-istess gie ipprezentat oltre it-terminu statutorju stabbilit fil-ligi specjali li tirregola it-tilwim industrijali ta'tnax-il jum mid-data tad-decizjoni. Illi din il-Qorti tqies illi fl-ewwel lok ghandu jigi sorvolat dan l-iskoll procedurali, qabel ma tghaddi ghat-trattazzjoni ta'l-aggravvju imressaq mill-appellanti fil-mertu.

Illi il-kaz taht il-lenti ta' din il-qorti ta' revizjoni huwa appell minn rikors intavolta mill-appellanti quddiem it-Tribunal Industrijali ghar-ritrattazzjoni tal-proceduri intavolati kontra tieghu ghat-tkeccija ingusta ta'l-impjegat tieghu

Carmelo Agius. Dan ghaliex l-appellanti issostni illi huwa qatt ma kien gie innotifikat b'dawk il-proceduri u allura ghandu jedd ghas-smigh mill-gdid tal-kaz u dan bil-jedd moghti lilu bl-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-kwistjoni dwar jekk dan il-jedd straordinarju tar-ritrattazzjoni issibx applikazzjoni fil-kawzi quddiem it-Tribunal Industrijali gie sorvolat permezz tad-decizjoni preliminari moghtija mit-Tribunal adit tas-17 ta' Jannar 2012, minn liema decizjoni ma sarx appell u kwindi l-istess illum ghaddiet in gudikat.

Illi l-Artikolu 82 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

> *(3) Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi. Dan l-appell għandu jsir b'rikors lill-Qorti tal-Appell kkostitwita skont lartikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat <u>mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata</u> mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal:*

Illi dana l-appell ma jikkoncernax il-kaz tat-tkeccija ingusta li sar minn Agius fil-konfront tal-principal tieghu, izda huwa appell minn decizjoni dwar ritrattazzjoni intavolat fit-termini tal-ligi ordinarja tal-procedura. Dan necessarjament ifisser illi l-pregudizzjali li l-appell gie intavolat tardivament hi ghal kollox insostenibbli. Il-materja taht konsiderazzjoni ma hijiex regolata bil-ligi specjali (Kap 452) izda skond il-ligi ordinarja tal-procedura kif provdut fis-subinciz(1) tal-Artikolu 226 tal-Kapitolu 12 ta' ghoxrin jum mid-data tas-sentenza. Kwindi dan l-pregudizzjali ser jigi skartat.

Sorvolat dan l-ostakolu procedurali allura jifdal biex jigi trattat l-ilment imressaq mill-appellanti ghad-decizjoni impunjata liema ilment jikkoncerna l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal meta wasal ghal konkluzjoni illi mill-atti probatorji kien irrizulta illi l-appellanti effettivament kien irceva in-notifika tal-att promotur li ta bidu ghal proceduri tat-tkeccija ingusta.

Illi gie superjorment imghallem mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Leonard Muscat et –vs- Onorevoli Prim'Ministru", 31 ta' Lulju 2000 illi:

**"L-istitut tar-ritrattazzjoni jipprovdi rimedju utilissimu ta' revizjoni ta' sentenza finali, bl-iskop illi jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati u b'hekk tigi evitata "miscarriage of justice" u tinkiseb gustizzja sostanzjali ghall-partijiet."**
Madanakollu **"l-ligi tirrestringi dan ir-rimedju ghal certi ragunijiet biss li huma tassattivament elenkati fil-ligi. Inoltre l-ligi timponi certi kondizzjonijiet ghall-ezercizzju ta' l-istess rimedju li wiehed hu mistenni li josservahom skrupolozament." Huwa proprju ghalhekk li dan l-istitut huwa meqjus bhala rimedju straordinarju (Vol XXV pI p137) governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima (Vol XXVII pI p818), "non suscettibili di una estensiva ma della sola letterale" ("Antonio Micallef –vs- Maria Dolores Vella et", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Gunju 1910).**

Ghalhekk ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa:

a) ta' natura straordinarja;
b) regolat minn interpretazzjoni strettissima;
c) mhux suxxettibbli ghal interpretazzjoni estensiva izda ghal wahda letterali biss;
d) il-gudizzju ta' ritrattazzjoni hu maghmul minn zewg stadji distinti dak "in rescindente" u dak "in rescissorio".
e) ir-ritrattazzjoni mhix ammissibbli meta s-sentenza setghet tigi mpunjata bil-

mezz ordinarju ta' l-appell (Art 812, Kap 12).
f) inoltre dejjem ghall-istess raguni l-procedura ntentata tkun irrita u nulla jekk ma ssirx fit-terminu prevvist mill-Artikolu 818, Kap 12. Dan it-terminu hu meqjus bhala wiehed mill-elementi kostituttivi tal-proponiment tal-azzjoni.

Illi imbaghad meta it-talba hija ismejsa fuq dak dispost fl-artikolu 811(b), dan id-dispositiv jippostula zewg elementi, u cjoe (1) li l-parti sokkombenti ma tkunx giet notifikata bl-att u (ii) li ghalkemm mhux notifikata ma tkunx ukoll dehret ghas-smiegh tal-kawza.

Illi fil-kaz indizamina l-appellanti jallega illi huwa sar jaf bid-decizjoni moghtija kontra tieghu mit-Tribunal Industrijali tal-14 ta' Mejju 2010, biss madwar xahrejn wara meta d-decizjoni allura kienet diga ghaddiet in gudikat u ma kienx hemm ir-rimedju ta'l-appell ghadu miftuh ghalih. Isostni illi kien biss meta huwa gie innotifikat b'mandat ta' sekwestru ghall-ammont likwidat mit-Tribunal bhala kumpens ghat-tkeccija ingusta ta'l-impjegat tieghu illi huwa sar jaf li kien hemm din id-decizjoni u allura l-uniku riemdju miftuh ghalih kien dak tar-ritrattazzjoni billi kien ghadu ma iddekorriex it-terminu statutorju ta' tlett xhur biex huwa jintavola dina l-procedura straordinarja.

Illi l-appellat minn naha tieghu jintenta iressaq il-prova tramite ix-xhieda ta' Emanuel Cachia, senior inspector fid-Dipartiment tax-Xogholijiet sabiex jipprova illi l-appellanti kien jaf bil-proceduri pendenti fil-konfront tieghu. Fil-fatt ix-xhud isostni illi huwa kien avvicina lill-appellanti dwar il-kaz u meta huwa avzah li l-kaz kien inqata', l-appellanti kien ammetta mieghu li kien nesa li kellu dina l-kawza. Xi jiem wara, imbaghad, l-appellanti ipprova jasal ghal ftehim mal-appellat, tramite l-imsemmi Cachia, biex jipprova ihallas l-ammont

globali dovut deciz bis-sentenza, permezz ta' hlasijiet mensili mifruxa fuq perijodu ta' sentejn. L-appellanti izda dana jichdu u isostni illi dan id-diskors kien sar biss wara li huwa kien intavola l-proceduri ghar-ritrattazzjoni tal-kaz.

It-Tribunal, madanakollu, ma dehrlux li kellu jaghti affidament lill-appellanti u ghalhekk strah fuq ix-xhieda ta' Cachia fost affarijiet ohra sabiex wasal biex irrigetta t-talba tal-appellanti ghar-ritrattazzjoni. Dan ghamlu ukoll ghaliex anke fil-kaz intavolat minnu stess, jidher illi l-appellanti kien qed segwieh b'nuqqas ta' interess u lanqas qaghad ghall-ordnijiet tat-Tribunal, b'dan in-nuqqas allura wassal biex immilita kontra t-tezi tieghu dwar in-nuqqas ta' notifika.

Illi kif osservat mit-Tribunal fid-decizjoni impunjata, sfortunatament ma jidhirx illi hemm xi procedura specifika li tigi segwieta sabiex l-intimat jigi innottifikat bl-att promotur imressaq ghal gudizzju tat-Tribunal. Jidher illi generalment dan jintbaghat bil-posta fil-post tax-xoghol tal-principal u mhux kif jallega l-appellanti fl-aggravvju tieghu illi dawn jintbaghtu bil-posta registrata. F'dan il-kaz jirrizulta mill-atti probatorji illi l-avvizi kollha li inhargu mit-Tribunal intbaghtu fl-indirizz Champs Pastizzeria, 65, St. George's Road St. Julians. Illi l-appellanti stess fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal jammetti illi huwa jircevi in-notifiki f'dan l-indirizz jew fl-indirizz residenzjali ta' ommu.

**"F'xi ligijiet specjali, aktarx recenti u modellati fuq legislazzjoni Ingliza, hemm mahluqa, dwar ittri mibghutin bil-posta u specjalment ittri registrati, certi presunzjonijiet rigward ir-ricezzjoni taghhom. Xi drabi dawn il-presunzjonijiet huma prima facie ta' prova kuntrarja u xi drabi konluzivi. ….**

**Jista forsi jinghad illi ghalina wkoll tapplika dik il-prezunzjoni generali li fis-sistema probatorju Ingliz titwieled minn dak li jghidulu *ir-regular course of business in a public office,* bazata fuq il-probabbilita li dak li jsir u jigri s-soltu sar u gara wkoll fil-kaz. Bis-**

**sahha ta' din il-prezunzjoni, anki apparti minn kull disposizzjoni statutorja, fl-Ingilterra, huwa ritenut illi *if a letter properly directed is proved to have been either put into the post office, or delivered to the postman, it is presumed to have reached its destination at the regular time and to have been received by the person to whom it was addressed (ara Taylor – Law of Evidence).*[1]"**

**"Naturalment, fil-kaz li jintghazel il-mezz postali, id-disposizzjoni tesigi li l-avviz ikun indirizzat u impostat sew ghax inkella, il-konsegwenza tkun li ma tiskattax il-presunzjoni tan-notifika. Maghmula din il-prova, cirkostanzjali jew indizzjarja, "hemm il-*presumptio hominis vel facti* importanti ghall-Qorti, li *proof of postage is proof of delivery*." ("Joseph Borg et -vs- Joseph A. Bartolo", Appell Inferjuri, 25 ta' Gunju 1980);[2]"**

Premess dan allura, l-Qorti taqbel mal-fehma tat-Tribunal illi gjaldarba jirrizulta illi l-avvizi kollha kienu qed jintbaghtu fl-indirizz tal-hanut ta' San Giljan, kwindi skattat il-presunzjoni tan-notifika regolari. Maghquda ma' din il-presunzjoni ta' dritt, imbaghad, ma jistax jigi injorat il-fatt illi mit-trattativi li kienu ghaddejjin bejn il-partijiet u dan tramite Emanuel Cachia huwa indubitat illi l-appellanti kien ben konxju ta' dawn il-proceduri, izda kif qal huwa stess "ex admissis" lil Cachia kien nesa jidher u jikkontesta l-kaz, tant illi allura meta sar jaf bid-decizjoni kien anke talab dilazzjoni fil-pagament tal-ammont deciz bis-sentenza tal-14 ta' Mejju 2010. Kwindi din il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'il ghala ghandha iccaqalaq l-apprezzament maghmul mit-Tribunal li fuq kollox kellu l-opportunita u il-privilegg illi jisma' ix-xhieda tan-nies involuti f'dan il-kaz *viva voce*, privilegg li din il-Qorti ta' revizjoni ma tgawdiex. Fuq kollox kif gie deciz:

**".... Il-prova tar-raguni li ghaliha parti titlob li kawza tigi mismugha mill-gdid trid issir minn dik l-istess parti u trid issir b'mod li jwassal lill-Qorti li tqis li t-talba hija**

[1]Francis Vella vs Carmel Caruana deciza 05/06/1959

[2] Rockefella Co.Ltd. vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud – deciza App.Inf. 28/02/2007

**misthoqqa. Il-parti ritrattata m'ghandha ghalfejn tipprova xejn, specjalment meta r-raguni li ssejjes it-talba ghas-smigh mill-gdid ma titnissilx minn ghamil tal-parti ritrattata, bhal f'dan il-kaz.**[3]**"**

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

L-ispejjez ikunu ghak-karigu ta'l-appellanti.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

3 Double R Meats Co Ltd Vs Micallef Emmanuel PA deciza 03/07/2003